# Fejn ġiet mistiedna l-Bażilika matul is-snin

**George Farrugia u Carl Farrugia**

Din is-sena qed niċċelebraw il-120 sena minn meta s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu ngħata t-titlu ta' Bażilika Minuri mill-Papa Ljun XIII fit-13 ta' Mejju 1895. Din kienet l-ewwel darba li knisja f'Malta ngħata dan it-titlu bil-privileġġi kollha.



Umbrellun Bażilikali ħiereġ mill-Kolleġġjata Bażilika Minuri ta' S. Pietru u S. Pawl, Nadur, Għawdex

**Il-Bażiliċi Maltin u Għawdxin**

Il-Bażilika u t-Tintinnablu tal-Karmnu tal-Belt bdew jintużaw mill-knejjes meta dawn bdew jingħataw din id-dinjità. Huma kien qed jużaw dawk tal-Karmnu tal-Belt. Meta l-Isla saret Bażilika Minuri fl-1921, kienu jissellfu t-Tintinnablu u l-Umbrellun Bażilikali tal-Karmnu tal-Belt. Fil-fatt dakinhar it-Tintinnablu refgħu Fra Rafel Mamo O.Carm li dak iż-żmien



It-Tintinnablu ħiereġ mill-Bażilika Minuri tan-Nadur

kien għadu sekulari u hu jgħid li dakinhar stess ħass is-sejħa.

It-Tintinnablu u l-Umbrellun Bażilikali sselfu wkoll lill-Bażilika ta' San Ġorġ, tar-Rabat Għawdex li saret Bażilika fl-1958 kif ukoll lil dik ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, Għawdex li ngħatat fl-1967. Meta l-knisja ta' Sant'Elena ta' Birkirkara saret Bażilika fl-1950, il-Kanonku Dun Vinċenz Saliba ġie l-Karmnu l-Belt biex jitlob lill-Pirjol ta' dak iż-żmien biex jieħu l-qisien u l-għamla tal-qafas tal-injam tal-istess Umbrellun Bażilikali.

**Parteċipazzjoni f'festi oħra**

Il-Komunità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt kienet tiġi mistiedna tmexxi festi u solennitajiet



1917 Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Purċissjoni li toħroġ mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Valletta

kemm-il darba imma meta s-Santwarju ngħata t-titlu ta' Bażilika Minuri dawk aktar żdiedu. Fl-1921 il-komunità ġiet mistiedna f'Birkirkara fiċ-Ċentinarju ta' Sant'Elena u ġiet mogħtija l-preċedenza bħala Santwarju Bażilika.

Festi oħra li ħadet sehem fihom l-Komunità Karmelitana kienu l-Festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, Għawdex fl-24 ta' Ġunju, 1947. Il-Komunità kienet ukoll ħadet sehem fil-Festa tas-Salvatur f'Ħal Lija, fil-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u fil-Parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Fl-1951, fis-700 sena tad-dehra u l-għotja tal-Labtu tal-Karmnu mill-Madonna lil San Xmun Stock, l-Umbrellun flimkien mat-Tintinnablu ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Karmnu li toħroġ mill-knisja tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi ta' Birkirkara.

Darba'oħra kienet ħadet sehem fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Gżira kif ukoll fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.







Festa tal-Bażilika ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, Għawdex

Hawnhekk malli ħareġ l-Umbrellun, il-partitarji Karmelitani taż-Żurrieq infexxew f'ċapċipa enormi u devota.

Fis-sena 2000, fil-50 anniversarju tal-għotja tal-Bażilika lill-Kolleġġjata ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, l-Umbrellun Bażilikali u t-Tintinnablu kienu ħadu sehem fil-Purċissjoni ta' Sant'Elena li dakinhar kienet saret filgħaxija. Il-Bażilika u t-Tintinnablu kienu mistiedna wkoll n-Nadur fl-2007, u darbtejn fil-Fgura fis-sena 2010 u fi Frar ta' din is-sena meta l-Parroċċa għalqet 50 sena.

L-Umbrellun Bażilikali u t-Tintinnablu kienu jieħdu sehem ukoll fil-festi ta' San Pawl



Kungress Ewkaristiku 1938

Nawfragu tal-Kolleġġjata tal-Belt u anki fil-Purċissjonijiet ta' Korpus u tal-Madonna ta' Caraffa tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt.

## *2000 - Birkirkara (50 Sena Bażilika)*












# 2007 - In-Nadur (40 Sena Bażilika)



L-umbrellun u t-tintinablu tal-Karmnu armati fil-knisja tan-Nadur





L-Insinji bażilikali tax-Xagħra armati ġewwa n-Nadur
fl-istess okkażjoni

# 2010 - Il-Fgura (50 Sena tal-vara)









## *2015 - Il-Fgura (50 Sena Parroċċa)*







Li kont sħaba lewn il-fidda,
Li kont kewkba kollni dija
Ħadd minn ħdejk ma kien jaqlagħni
O wiċċ ħelu ta' Marija.

Li tant qlub kelli ġo fija,
Daqskemm ramel fih il-baħar,
Lilek biss kont inħobb dejjem,
B'ismek biss kont jien niftaħar.

Profs. Anastasju Cuschieri